# Niċeċ u statwi fit-toroq ta' Birkirkara

## *(l-aħħar parti)*

**Niċċa żgħira qadima f'dan ir-raħal insibuha f'kantuniera bejn Triq l-Imsida u Triq il-Kbira. Tidher li hi niċċa li saret ma' l-istess dar fejn narawha mwaqqfa. L-istatwa ta' San Franġisk fiha xebh perfett ma' l-istatwa ta' l-istess qaddis li nsibu fi Triq Ħal Għargħur u jista' jkun li hi ta' l-istess id. B'xorti tajba għadha fl-istat oriġinali billi qatt ma missewha biż-żebgħa.**

minn Tony TERRIBILE

Fuq dar nru. 10 Triq Rigu naraw in-niċċa ta' San Tumas d'Aquino. Hi niċċa magħmula fis-seklu għoxrin. Fuq mensola kbira li ddur nofs tond naraw żewġ pilastri li fuqhom iddur gwarniċa aktar wiesgħa u fin-niċċa arzellata naraw l-istatwa tal-qaddis liebes l-abitu Dumnikan u b'id waħda jidher jiftaħ sidru biex juri l-ittra IHS. Mid-deħra fl-imgħoddi f'jum il-festa din in-niċċa kienet tiddawwal, għax mad-dawra tagħha wieħed jista'jara l-grampuni li magħhom kienu jiddendlu d-dwal.

Niċċa ta' l-injam f'Birkirkara nsibuha fuq dar nru. 14 Sqaq San Pawl. Hi niċċa f'għieh id-Duluri mżejna bi prospettiva għamla ta' faċċata ta' knisja.

F'waħda mill-kantunieri tal-mitħna ta' Birkirkara fi Triq in-Naxxar niltaqgħu ma' niċċa f'għieh San Mikiel Arkanġlu. L-istatwa li naraw illum m'hix oriġinali billi din kienet għosfrot. Bħala disinn, in-niċċa għandha żewġ pilastri li fuqhom idur friz daqsxejn għoli u gwarniċa wiesgħa. Hi niċċa oħra qadima f'dan ir-raħal.

F'kantuniera bejn Triq il-Wied u Triq Santa Tereża niltaqgħu ma' l-istatwa ta' Santa Tereża t'Avila, mqiegħda fuq mensola. Hawnhekk lil din il-qaddisa, liebsa l-libsa ta' l-Ordni, narawha bil-ktieb f'idha x-xellugija filwaqt li idha l-oħra tidher mgħollija 'l fuq b'sinjal ta' predikazzjoni.

F'kantuniera bejn Triq il-Wied u Triq il-Karmnu naraw in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu. Hi niċċa kbira li ddur nofs tond mal-kantuniera b'kolonna tonda fuq kull naħa. Dawn il-kolonni narawhom mistrieħa fuq mensola għamla ta' anġlu. Fuq dawn il-kolonni naraw frontispizju nofs miftuħ. L-istatwa tal-Madonna, għalkemm nieqsa minn ċerti movimenti, hi devota. Quddiemha għad għandha fanal tal-ħadid li darba kien jinxtegħel b'sinjal ta' qima. Hi niċċa mżejna wkoll bl-indulġenzi mogħtija mill-Isqof Gaetano Pace Forno.

Fl-istess Triq il-Wied, bejn djar 40 u 41 insibu niċċa f'għieh id-Duluri. Hi niċċa kbira, devota u miżmuma tajjeb min-nies ta' dawn l-inħawi.

Din in-niċċa għamlet żmien twil vojta u mitluqa sakemm tpoġġiet fiha din l-istatwa tad-Duluri u din mill-ewwel saret ċentru ta' devozzjoni l-aktar fil-festa tad-Duluri.

Faċċata ta' din in-niċċa naraw niċċa oħra dedikata lil Marija Immakulata. Hi niċċa oħra qadima f'dan ir-raħal imżejna b'bordura li ddur nofs tond magħha.

Ftit passi 'l bogħod naraw in-niċċa ta' San Ġużepp. Mix-xogħol tidher li hi niċċa magħmula fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin u l-Arċisqof Pietro Pace kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiem ix-xbieha ta' dan il-qaddis, li llum m'għadhiex teżisti u n-niċċa hi vojta. Fl-imgħoddi din in-niċċa kienet ferm għal qalb in-nies ta' l-inħawi u kienet tinxtgħel kollha għax mad-dawra tagħha għadhom jidhru l-grampuni li magħhom kienu jiddendlu dawn id-dwal.

Niċċa oħra tal-Madonna tal-Karmnu nsibuha fuq dar nru. 23 Triq l-Imrieħel. Fuq kull naħa tan-niċċa naraw dekorazzjoni tiela' 'l fuq minn fuq il-gwarniċun li tibda minn max-xifer tan-niċċa. Minn fuq it-truf ta' dawn iż-żewġ dekorazzjonijiet iddur gwarniċa li fin-nofs tagħha din iddur nofs tond mal-forma tan-niċċa. Hi niċċa li tidher li taf il-bidu tagħha fis-seklu għoxrin. Quddiemha darba kellha wkoll il-fanal għax għadha tidher il-ħolqa tiegħu.

Fuq dar nru. 71 Triq il-Knisja l-Qadima niltaqgħu ma' żewġ niċeċ li jmorru lura għat-tieni nofs tas-seklu dsatax. Dawn huma n-niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu u ta' Sant'Elena. In-niċeċ għandhom l-istess stil u saru fl-istess żmien. It-tnejn kellhom il-fanal quddiemhom. Dak tal-Madonna tal-Karmnu għadu hekk filwaqt li l-ieħor għadu jidher il-brazz tiegħu. L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu fiha xogħol tabilħaqq artistiku. Hi statwa ħajja, b'xogħol irfinut u l-iskultur li għamilha ħa l-ispirazzjoni tiegħu mill-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq. Taħt din



In-niċċa kbira ta' l-erwieħ magħrufa bħala 'Ta' l-Infetti' li tinsab fl-inħawi ta' l-Imrieħel

in-niċċa naqraw li fid-9 ta' Ġunju 1868 ingħataw l-indulġenzi għal min jitlob quddiemha.

L-istatwa ta' Sant'Elena hi anqas movimentata iżda hi oriġinali u l-iskultur tagħha ma kkupjax l-istatwa tal-parroċċa iżda kien oriġinali fil-pożizzjoni tagħha. Mad-dawra ta' din in-niċċa wieħed josserva bosta grampuni bħala tifkira ta' meta fl-imgħoddi f'jum Sant'Elena din in-niċċa kienet tiddawwal.

Niċċa oħra ta' San Ġużepp insibuha fuq dar nru. 47 Triq l-Imrieħel. Hi niċċa li tidher li saret fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin u fl-1908 l-Arċisqof Pietro Pace kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiem din ix-xbieha.

Niċċa qadima, waħda mill-eqdem u fl-istess ħin oriġinali hi mwaqqfa f'għieh l-Erwieħ tal-Purgatorju fi Triq l-Imrieħel. Dawn l-inħawi huma magħrufa bħala "L-Infetti". Għidna li hi niċċa oriġinali għal bosta raġunijiet. Hi mibnija fuq ċint għoli li fuq ix-xellug tiegħu fih tmien targiet biex wieħed ikun jista' jidħol fin-niċċa. Din in-niċċa fiha erba' faċċati b'żewġ pilastri ta' stil Doriku fuq kull naħa. Fuq dawn il-pilastri jduru għamliet differenti ta' gwarniċi. Il-faċċata hi mżejna bi frontispizju b'żewġ erwieħ waħda fuq kull naħa filwaqt li s-saqaf ta' din in-niċċa għandu għamla ta' koppla fin-nofs. Hi niċċa b'disinn oriġinali.

Statwa oħra ta' Sant'Elena nsibuha fuq ċinta ta' bejt tad-dar nru. 16 Triq Fleur de Lys filwaqt li faċċata tagħha, f'kantuniera ma' Triq il-Kolleġġjata nsibu l-istatwa ta' Marija Assunta. In-niċċa ta' din l-istatwa tfasslet b'mod li ddur nofs tond mal-gwarniċa. Hi mżejna b'pilastru u kontro pilastru ta' stil Doriku fuq kull naħa. L-istatwa ta' l-Assunta tidher skulturata f'qagħda tabilħaqq sabiħa b'mod speċjali l-pożizzjoni tal-par idejn tagħha mgħollija 'l fuq.

Niċċa oħra tal-Madonna tal-Karmnu narawha fuq dar nru. 5 Triq Mannarino. Din hi niċċa oħra magħmula fis-seklu għoxrin. L-istatwa tal-Madonna ma tantx hi komuni billi hi liebsa l-libsa Karmelitana u bil-kuruna fuq rasha bħala r-Reġina tal-Karmelu.

San Ġużepp għandu niċċa oħra f'Birkirkara fuq dar nru. 29 Triq Fleur de Lys. Din in-niċċa hi wkoll frott tas-seklu għoxrin u l-indulġenzi għal min jitlob quddiemha ngħataw mill-Arċisqof Monsinjur Pietro Pace.

In-niċċa hi ta' stil dejjaq u mżejna bil-pilastri fuq kull naħa. Skond din in-niċċa l-istatwa riedet tkun iżgħar għax ma' l-ewwel daqqa t'għajn wieħed mill-ewwel jinduna li din l-istatwa hi kbira skond in-niċċa.

Fi Triq il-Qasab niltaqgħu ma' bini li hu qadim ħafna. Miegħu nsibu żewġ niċeċ u dawn jinsabu fuq djar 59 u 60. Huma żewġ niċeċ żgħar waħda ta' San Mikiel u l-oħra ta' Sant'Elena. In-niċċa ta' San Mikiel fiha xogħol tabilħaqq superjuri għall-oħra u l-istess jista' jingħad għall-istatwa tal-qaddis.

Niċċa magħrufa billi qiegħda f'pożizzjoni tajba hi dik li nsibu f'kantuniera bejn Triq Fleur de Lys u Triq Psaila. Hi niċċa f'għieh San Ġwann il-Battista. Għandha stil sabiħ, imżejna b'kolonna fuq kull naħa. Fuqhom iddur gwarniċa li qiegħda sservi bħala bażi għad-dekorazzjoni taċ-ċelu. Dan ukoll għandu stil oriġinali billi hu magħmul għamla ta' umbrellun bażilikali. L-istatwa ta' San Ġwann il-Battista fiha xogħol mirqum ta' skultura. Dan wieħed jista' jarah f'aktar minn parti waħda ta' l-istatwa l-iżjed fid-dettalji ta' l-anatomija tas-sider mikxuf tal-qaddis. Ħarsa min-naħa tax-xellug jara l-majestrija ta' l-iskultur li ħadimha. M'hix xi niċċa qadima wisq għax tidher li saret fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin. B'xorti tajba għadha fl-istat oriġinali tagħha.

Ix-xbieha l-oħra li se naraw m'hix f'niċċa iżda riliev kbir u sabiħ ta' Marija Addolorata li jinsab fuq dar nru. 58 Triq Fleur de Lys. L-Arċisqof Dom Mauro Caruana, fl-1934 kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiem din ix-xbieha. L-espressjoni tal-wiċċ imnikket tal-Madonna u l-finezza tax-xogħol li fih huma l-isbaħ eżempji ta' skultur tajjeb.

Statwa oħra ta' Sant'Elena f'Birkirkara nsibuha fin-niċċa li tinsab fuq dar nru. 380 Triq Fleur de Lys. Hi niċċa li tmur lura lejn l-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Hi arzellata b'mod sabiħ bi gwarniċa nofs tond mad-dawra tagħha filwaqt li fil-parti t'isfel naraw mensola li ddur nofs tond. Hi ħasra iżda li bħala niċċa ma tantx hi miżmuma tajjeb.

Niċċa oħra tal-Madonna f'Birkirkara nsibuha fuq dar nru. 79B Triq Fleur de Lys. Din hi dedikata lill-Madonna tar-Rużarju u hi mibnija fuq gwarniċa wiesgħa li minn fuqha jitilgħu l-pilastri u l-kontro pilastri ta' stil Korint fuq kull naħa. Fuqhom iduru tliet gwarniċi irqaq u bejn l-aħħar waħda, u gwarniċa wiesgħa idur il-friż.

In-niċċa tingħalaq bi frontispizju magħmul minn żewġ skrataċ mibruma.

Bħalha niċċa fiha xogħol u disinn sabiħ, iżda mhux l-istess jista' jingħad għall-istatwa li hi nieqsa minn xogħol artistiku.

Viċin din in-niċċa, f'kantuniera bejn Triq Fleur de Lys u Triq Sant'Antnin niltaqgħu ma' niċċa f'għieh Sant'Antnin ta' Padova. Hi għolja ħdax-il filata. Fuq kull naħa tagħha naraw mensola li dawn jingħaqdu mal-mensola ta' taħt l-istatwa permezz ta' gwarniċa wiesgħa. Fuq kull mensola titla' kolonna li fuqhom idur il-friż u l-frontispizju nofsu miftuħ. Hi niċċa li tidher li saret lejn tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. L-istatwa hi dettaljata iżda iebsa fl-istil tagħha.

L-istess stil ta' niċċa hi l-oħra li tinsab ftit metri biss 'il bogħod minnha. Hi niċċa f'għieh il-Madonna tal-Karmnu u mżejna wkoll bl-indulġenzi mogħtija mill-Arċisqof Monsinjur Pietro Pace. Din tinsab f'kantuniera bejn Triq Brighella u Triq Fleur de Lys. L-istatwa tal-Madonna m'hix oriġinali billi jeżistu bosta kopji tagħha fi bliet u rħula oħra f'dawn il-gżejjer.

L-aħħar niċċa li se naraw f'Birkirkara tinsab fuq dar nru. 114, Triq Fleur de Lys. Id-dar li magħha naraw din in-niċċa nbniet fl-1902 u din in-niċċa tidher li saret ukoll f'dawk iż-żminijiet. Hi niċċa għolja tmien filati, b'pilastri ta' stil Doriku fuq kull naħa. L-iskultur li ħadem din l-istatwa ħa l-ispirazzjoni tiegħu mill-pittura ta' Murillo. B'xorti tajba quddiemha għad għandha wkoll il-fanal li fl-imgħoddi kien jinxtegħel fil-jiem tal-festi tal-Madonna. ◆